# Il-kwadru tas-santwarju ta' l-Immakulata fil-parroċċa kolleġġjata ta' Bormla

Joseph Bonello



L-iktar ħaġa għażiża li l-Bormliżi għandhom fil-parroċċa żgur li hija l-kwadru titulari li jinsab fil-kor tal-kolleġġjata.

Dan il-kwadru hu xogħol mill-isbaħ tal-pittur Pietru Pawl Caruana, li l-firma tiegħu qiegħda fin-naħa ta' isfel tal-kwadru. Tlesta fis-sena 1828 iżda għal xi raġuni jew oħra tqiegħed fil-kor tal-parroċċa ħafna snin wara, fis-sena 1850, b'ċerimonja sabiħa u solenni. Tqiegħed flok ieħor aktar qadim, xogħol sabiħ ukoll tal-pittur Żebbuġi Carlo Gimach, li llum jinsab fis-sagristija.

**Kwadru teoloġiku**
L-ideja ta' dan il-kwadru devot kienet tal-kanonku Ludoviku Mifsud Tommasi, teologu magħruf, poeta Malti mill-aqwa u Bormliżdevot kbir tal-verġni Marija. Il-pittur Caruana rnexxielu, fuq is-suġġerimenti tal-kanonku Mifsud Tommasi, jiġbor b'suċċess kbir il-privileġġi kollha tal-verġni Marija skond it-tagħlim tad-duttrina Kattolika.

Il-pittur Caruana sab ma' wiċċu biċċa xogħol tqila, iżda bl-għajnuna ta' l-għaref saċerdot Mifsud Tommasi rnexxielu joħloq wieħed mill-kapulavuri l-aktar artistiċi li l-arti Maltija qatt setgħet tipproduċi f'dawk li huma suġġetti reliġjużi.

**L-inkurunazzjoni**
Il-Bormliżi minn dejjem kellhom devozzjoni u qima speċjali lejn dan il-kwadru. Ix-xewqa ta' missirijietna kienet li jaraw il-Madona tal-kor inkurunata bħala sultana ta' Bormla. Din ix-xewqa twettqet meta l-papa Piju X ħareġ id-digriet ta' l-inkurunazzjoni fl-24 ta' Jannar 1905. Saru preparazzjonijiet kbar u kulħadd stinka biex il-festa tirnexxi b'suċċess. Il-jum mistenni kien il-25 ta' Ġunju 1905, meta l-kardinal Domenico Ferrata, delegat tal-papa Piju X (*a latere*), f'isem u skond ix-xewqa ta' l-istess papa, fost il-ferħ u l-entużjażmu tal-poplu Bormliż, poġġa fuq ras il-verġni Marija dik il-kuruna tad-deheb mimlija djamanti u ħaġar prezzjuż. Dakinhar f'Bormla kienu saru festi kbar; l-armar speċjali tal-knisja sar fuq id-disinn ta' Abram Gatt; it-toroq ta' Bormla kienu kollha armati b'pavaljuni u trofej; l-armar kien jasal sa fejn Għajn Dwieli. Kollox kien juri kemm missirijietna kellhom devozzjoni lejn Marija Immakulata. Din il-ġrajja glorjuża tiġi mfakkra kull sena fl-ewwel Ħadd li jiġi fin-novena tal-Kunċizzjoni.

**Żmien il-gwerra ta' l-1939-1945**
Fi żmien il-gwerra ta' l-1939-1945 il-kwadru u l-istatwa tal-Kunċizzjoni flimkien ma' bosta teżori oħra ġew ittrasportati f'Birkirkara ħalli jkunu aktar fis-sigurt , billi l-attakki ta' l-ajru bdew jiżdiedu u jiħraxu. Bormla tfarrket kollha minbarra xi ftit djar 'l hawn u 'l hemm. Is-sura tagħha kienet tbikkik; jgħidu li madwar il-parroċċa biss xeħtu mhux inqas minn mitejn bomba; waħda minnhom ħabtet mal-gwarniċ tal-kampnar tal-qanpiena l-kbira, ġarrfet għalkollox il-bini ta' quddiem, mingħajr ma messet il-knisja. Fost dik il-ħerba kollha l-parroċċa baqgħet wieqfa; żgur li dan kien miraklu tal-verġni Marija. Għalhekk il-kapitlu ddeċieda li jagħmel pellegrinaġġ minn Birkirkara għal Bormla bil-kwadru u l-isatwa tal-Kunċizzjoni, b'radd il-ħajr għaliex it-tempju-santwarju ġie salvat mill-qerda tal-gwerra.



Dan il-pellegrinaġġ sar fid-19 ta' Novembru 1944, u għadda mill-Ħamrun, il-Marsa u Raħal il-ġdid. It-toroq kollha kienu fgati bin-nies; mill-inqas kien hemm mas-sittax-il banda, u anki l-għaqdiet reliġjużi, soċjali u politiċi ta' Malta kienu rrappreżentati. Jgħid il-kanonku Cassar: "Malta pubblikament u solennament tat xhieda ta' qima u devozzjoni lejn Marija Immakulata". Kien veru trijonf tal-verġni Marija. Tifkira ta' dan il-pellegrinaġġ nazzjonali huma l-lapidi ta' l-irħam li hemm fuq iz-zuntier, imwaħħlin mal-faċċata tal-knisja.



**F'għeluq il-ħamsin sena**
Fis-snin 1954-1955 f'Bormla saru festi speċjali biex ifakkru ċ-ċentinarju tad-domma ta' l-Immakulata u l-għeluq tal-ħamsin sena mill-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-kor. Għal dawn il-festi ġie mistieden il-kardinal Federico Tedeschini, li qaddes quddiesa pontifikali fil-kolleġġjata tagħna nhar l-24 ta' Lulju 1955.

Fl-istess jum, iżda filgħaxija, il-kwadru tas-santwarju ġie meħud proċessjonalment fi Pjazza Santa Margerita fejn l-istess kardinal dawwar bi stillarju ras il-verġni Marija, f'atmosfera ta' ferħ u entużjażmu. Il-pjazza kienet iffullata bin-nies. L-istillarju żammu l-president tal-banda *San Ġorġ*, il-perit Dom Mintoff, li dak iż-żmien kien ukoll il-priministru ta' Malta. Wara ċ-ċerimonja fil-pjazza, saret purċissjoni bil-kwadru li għaddiet ukoll min-naħa ta' Santa Liena. Din il-ġurnata ma tintesa qatt.

**Il-bolli**
Biex dawn il-festi jibqgħu mfakkra, l-uffiċċju tal-posta ta' Malta ħareġ sett ta' tliet bolli, sbieħ ferm, bix-xbieha ta' dan il-kwadru li hemm fil-kor tal-parroċċa tagħna; dawn il-bolli ntogħġbu ħafna u hekk ix-xbieha ħelwa tal-Madonna tal-kor xterdet mad-dinja kollha, speċjalment fost dawk li huma dilettanti tal-bolli.

Qabel ma nispiċċa, nixtieq ngħid li Dun Ġorġ Preca kellu devozzjoni kbira lejn dan il-kwadru, tant huwa hekk li hu ried li f'kull kappella tas-soċjet tal-*Museum* ikun espost dan il-kwadru sabiħ u devot.

Interessanti wkoll li l-pittur Pietru Pawl Caruana pitter il-verġni Marija bil-libsa bajda u faxxa kaħla, ħaġa li dak iż-żmien kienet rari ħafna, għaliex il-verġni Marija kienet dejjem tkun impittra b'libsa u mant ċelesti (mhux abjad); meta, iżda, ħafna snin wara, fl-1858 il-verġni Marija dehret f'Lourdes, kienet b'libsa bajda u faxxa kaħla, eżatt kif tinsab fil-kwadru tal-parroċċa tagħna.

**Mitt sena wara – iċ-ċentinarju ta' l-2005**
Is-sena 2005 kienet l-għeluq tal-mitt sena mill-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-kor, għalhekk saru festi speċjali. Ġew mistiedna l-parroċċi viċin tagħna u l-kapitli ta' Malta. Il-kapitlu tal-bażilika ta' Birkirkara ħa sehem fil-purċissjoni bil-kwadru ta' l-Immakulata, li saret fil-25 ta' Ġunju 2005, il-jum eżatt meta saret l-inkurunazzjoni mill-kardinal Domenico Ferrata fl-1905. Il-knisja kolleġġjata u t-toroq ta' Bormla kienu armati bħall-festa u sar pontifikal mill-arċisqof Mercieca bil-paniġierku mill-provinċjal tal-Karmelitani l-patri Alexander Vella ocarm.

Matul il-festi kienu mistiedna wkoll il-patrijiet Tereżjani, Karmelitani, Kapuċċini, Franġiskani Minuri u Franġiskani Konventwali. Saret akkademja mill-kor *Tota pulchra* u serata Marjana quddiem il-knisja ta' Santa Margerita, fejn sar il-kxif ta' lapida kommemorattiva.

Bħala tifkira taċ-ċentinarju saru monument ta' l-irħam fi Pjazza Gavino Gulia bi statwa tal-bronżindurat, xogħol ta' Joe Chetcuti. L-induratura saret mis-sur John Pace, u l-irħam ta' Ronnie Pisani. Ġiet ukoll irrestawrata u mnaddfa l-vara tal-Kunċizzjoni. L-ispejjeżġew imħallsa minn wieħed mill-kanonċi tagħna.

Ħadu sehem diversi baned, fosthom *La Stella* ta' Għawdex. Fil-purċissjoni tal-25 ta' Ġunju kienu mistiedna l-fratellanzi tal-Kunċizzjoni ta' Malta u Għawdex, u l-banda ta' Bormla għamlet programm speċjali nhar l-24 ta' Ġunju fi Pjazza Paolino Vassallo. Famuż kien il-logħob tan-nar. Prosit lil kulħadd.